

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/153

tas-27 ta' Jannar 2017

li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Jannar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/72/PESK ⁽¹⁾ dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija.
- (2) Il-miżuri restrittivi stipulati fid-Deċiżjoni 2011/72/PESK japplikaw sal-31 ta' Jannar 2017. Abbażi ta' reviżjoni ta' dik id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi jiġu estiżi sal-31 ta' Jannar 2018. Barra minn hekk jenħtieġ li tiġi aġġornata l-informazzjoni identifikattiva rigward żewġ persuni fuq il-lista.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/72/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2011/72/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Jannar 2018. Hija għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti. Tista' tiġġedded jew tiġi emendata, skont il-każ, jekk il-Kunsill iqis li l-oġġettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.”;

- (2) L-Anness huwa emendat kif indikat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

E. SCICLUNA

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK tal-31 ta' Jannar 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija (ĠU L 28, 2.2.2011, p. 62).

ANNEX

L-entrati għall-persuni li ġejjin li jinsabu fl-Anness għad-Deċiżjoni 2011/72/PESK huma sostitwiti bl-entrati ta' hawn taħt:

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet
“27.	Sirine (Cyrine) Bent Zine El Abidine Ben Ħaj Hamda BEN ALI	Tuneżina, twieldet f'Le Bardo, fil-21 ta' Awwissu 1971, bint Naïma EL KEFI, miżżewġa lil Mohamed Marwan MABROUK, detentur tal-NIC Nru 05409131. Detentriċi ta' Passaport Tuneżin Nru x599070 maħruġ f'Novembru 2016 u li jiskadi fil-21.11.2021.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
28.	Mohamed Marwan Ben Ali Ben Mohamed MABROUK	Tuneżin, twieled f'Tuneż fil-11 ta' Marzu 1972, iben Jaouida El BEJI, miżżewġeġ lil Sirine BEN ALI, CEO, jirresjedi fi 8 rue du Commandant Béjaoui — Carthage — Tuneż, detentur tal-NIC Nru 04766495. Detentur ta' Passaport Franċiż Nru 11CK51319 li jiskadi fl-1.8.2021.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.”